**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Neville Camilleri B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Piju Grech**

Numru: 43/2013

Illum is-sebgha (7) ta' Ottubru 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat **Piju Grech**, ta' erbghin (40) sena, iben Emanuel u Carmela neé Vella, imwieled Rabat, Ghawdex nhar l-4 ta' Frar 1973, residenti fil-fond numru 10, Maria Assunta, Triq tal-Masri, Xaghra, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 4773(G), akkuzat talli nhar it-13 ta' April 2013 gewwa Triq tal-Masri fix-Xaghra, Ghawdex u f'postijiet ohra gewwa Ghawdex, hekk ghal habta tas-saghtejn u nofs ta' filghodu (2.30hrs):

1. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioé ghamel hsara volontarja fuq vettura tal-pulizija bin-numru GVP 821 liema ammont tal-hsara ma jiskorrix l-elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u

sittin centezmu (€1,164.69) imma jiskorri l-mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u tal-Kummissarju tal-Pulizija;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika fuq il-persuna ta' PS 559 Jason Spiteri, PC 555 Fabio Schembri, u PC 354 Anthony Spiteri, persuni nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skont il-ligi mill-awtorita' kompetenti f'liema attakk jew rezistenza giet uzata arma regulari (muws);

3. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PS 559 Jason Spiteri, PC 555 Fabio Schembri, PC 354 Anthony Spiteri persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezza' jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

4. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi kellu fil-pussess tieghu strument li jaqta' u bil-ponta (muws) minghajr ma kellu licenzja minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

5. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi stieden lil PS 559 Jason Spiteri, PC 555 Fabio Schembri, PC 354 Anthony Spiteri ghall-glied bil-gebel;

6. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi minghajr ma darab jew sawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin u qabad arma (muws) kontra l-persuni ta' PS 559 Jason Spiteri, PC 555 Fabio Schembri, PC 354 Anthony Spiteri;

7. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku kien fis-sakra b'mod li ma setghax jiehu hsieb tieghu nnifsu;

8. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi fil-pubbliku qal kliem oxxen, jew indecenti li jikkonsisti wkoll f'dagha, u ghamel atti jew gesti oxxeni;

9. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-awtorita' jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku;

10. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi rrifjuta li jaghti l-isem, kunjom, fejn joqghod u partikularijiet ohra lill-ufficjal pubbliku jew lil wiehed iehor li kien inkarigat minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel id-dmirijiet tieghu;

11. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq vettura bil-mutur jew vettura ohra bin-numru tar-registrazzjoni CBC 197 liema vettura ma kienitx koperta b'licenzja biex tinsaq fit-triq;

12. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq jew prova jsuq jew kellu l-kontrol ta' vettura bil-mutur jew vettura ohra li fi triq pubblika jew f'post pubbliku iehor meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;

13. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saq vettura bil-mutur bin-numru tar-registrazzjoni CBC 197 fi triq jew f'post pubbliku iehor minghajr ma kien kopert b'polza tal-assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni;

14. sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) datati 28 ta' Mejju 2009 u 31 ta' Ottubru 2008 liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew mhassra;

15. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bil-hsieb li jaghmel delitt wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt u cioé meta kien jaf li kellu jew li kien afflitt b'xi marda jew kondizzjoni specifikata taht is-subartikolu (3) tal-Artikolu 244A tal-Kapitolu 9, prova b'xi mod xjentement jittrasmetti, jikkomunika jew jghaddi dik il-marda jew kondizzjoni lil xi persuni ohra li ma kienux morda jew afflitti biha liema delitt

ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mil-volonta' tieghu.

Il-Qorti giet mitluba illi, f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna wkoll li tapplika l-Artiklu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha ta' dan il-kaz.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 11 ta' Dicembru 2013 (*a fol.* 177 *et seq.*) li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 17, 31, 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikoli 325 (1)(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Artikoli 96(a) u 97 tal-Kodici Krminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Artikolu 95(1) tal-Kodici Krminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) Artikoli 6 u 51 (7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta;
(f) Artikolu 339(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligiiet ta' Malta;
(g) Artikolu 338(ff) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(h) Artikoli 338(bb) u 339(1)(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(i) Artikolu 342 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(j) Artikolu 338(ee) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(k) Artikolu 338(g) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligiiet ta' Malta;
(l) Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
(m) Artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
(n) Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta;
(o) Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tal-5 ta' Frar 2014 (*a fol.* 180), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fil-11 ta' Dicembru 2013 (*a fol.* 177 *et seq.*), f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet, fis-seduta tat-13 ta' Lulju 2013 (*a fol.* 169), lid-difiza titlob li jigi mhejji *Social Inquiry Report* fil-konfront tal-imputat, liema talba giet milqugha mill-Qorti fl-istess seduta.

Semghet, fis-seduta tad-9 ta' April 2014, lill-imputat jiddikjara li kien qed jaghzel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri (*a fol.* 181).

Semghet lill-*Probation Officer* Ivan Sultana jixhed (*a fol.* 214 *et seq.*) *u* rat is-*Social Inquiry Report* redatt minnu, liema rapport gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "IS 1" (*a fol.* 217 *et seq.*).

Semghet lix-xhud prodott mid-difiza.

Semghet, fis-seduta tas-7 ta' Lulju 2015, is-sottomissjonijet finali *da parte* tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 270 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xiehda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' April 2013, xehed l-Ufficjal Prosekutur l-**Spettur Frank Anthony Tabone** (*a fol.* 52 *et seq.*) rigward l-investigazzjonijiet redatti minnu in segwitu tal-informazzjoni li gie moghti minn PS 559 Jason Spiteri fejn kien gie arrestat l-imputat. Jirrizulta li PS 559 Jason Spiteri kien flimkien ma' PC 555 Fabio Schembri u ma' PC 354 Anthony Spiteri. Waqt id-depozizzjoni tieghu l-iSpettur Tabone pprezenta numru ta' dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "FT 7" sa "FT 11" (*a fol.* 56 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tat-23 ta' April 2013, xehed ukoll **PC 555 Fabio Schembri** (*a fol.* 62 *et seq.*) fejn spjega li dakinhar tat-13 ta' April 2013 kien hemm l-imputat gol-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBC 197 u dana beda: *"jidghi, joffendina, kliem iehor arroganti, vjolaenza"* (*a fol.* 63). Jghid li mieghu kien hemm PS 559 u PC 354. Jghid li l-imputat hataf mus u prova jolqot lill-kollega tieghu bih u PC 354 mbuttah lura. Jghid li l-imputat qabad gebla u beda jaghmel mossi li kien ser jitfaghielhom u beda jistedinhom ghall-glied. Jghid li l-imputat beda jobzqilhom u jghid li kien marid u li kien qed jobzqilhom biex jiehdu l-infezzjoni tieghu. Jixhed li l-agir tal-imputat ma kienx ta' persuna normali. Jghid li l-imputat gie mittiehed fil-vettura tal-Pulizija u li hu beda jtajjar id-demm f'din il-vettura u beda jaghti bis-sieq lill-bieba minn naha ta' gewwa.

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2014 (*a fol.* 252 *et seq.*), jixhed li dakinhar tal-akkadut l-imputat kien jidher li ma kienx f'sikktu. Jghid li xamm riha ta' xorb ukoll. Ikkonferma li l-imputat beda jhabbat wiccu mal-vettura u li wara li gie mmanettjat beda jinstabat mal-art. Ma jafx jekk l-imputat kienx xurban jew le pero jghid li huwa zgur li l-imputat ma kienx f'sikktu.

Illi, fis-seduta tat-23 ta' April 2013, xehed ukoll **PC 354 Anthony Spiteri** (*a fol.* 66 *et seq.*) fejn qal li dakinhar tal-akkadut kien flimkien ma' PC 555 u PS 559. Jghid li f'hin minnhom l-imputat gab mus u xejru lejh u hu (PC 354) tah daqqa go wiccu u sgicca. Jghid li ra lill-kollegi tieghu jissieltu mal-imputat li kien aggressiv u arrogranti. Kompla jixhed fuq l-istess linji li xehed fuqhom PC 555 Schembri.

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2015 (*a fol.* 262 *et seq.*), jghid li ghall-affarijiet li beda jaghmel l-imputat dakinhar tal-akkadut, l-imputat ma kienx fi stat normali. Jghid li ma xammx riha ta' alkohol. Jghid: *"Kellu xi haga toqmos go fih donnu"* (*a fol.* 263).

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2013, xehed il-**Psikjatra John Borg** (*a fol.* 76 *et seq.*) fejn qal li ilu jaf lill-imputat ghal madwar ghoxrin sena. Jghid li l-imputat ibaghti minn *bipolar condition* u kif ukoll minn problema ta' droga.

**Il-Psikjatra John Borg** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tat-30 ta' Ottubru 2013 (*a fol.* 155 *et seq.*) fejn qal li huwa qed jixhed in rapprezentanza tal-iSptar Generali ta' Ghawdex u ezebixxa partijiet relevanti mill-*file mediku* fl-iSptar tal-imputat li gew immarkati bhala Dok. "JB 1" (*a fol.* 157 *et seq.*).

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2013, xehed ukoll **PS 559 Jason Spiteri** (*a fol.* 83 *et seq.*) fejn xehed fuq l-istess linji li xehdu fuqhom PC 555 Fabio Schembri u PC 354 Anthony Spiteri.

In kontro-ezami jghid li ma xammx riha ta' xorb imma ma jidhirlux li l-imputat kien fi stat normali.

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2013, xehed ukoll **PS 369 Joseph Mizzi** (*a fol.* 87 *et seq.*) fejn spjega li minn ricerka li ghamel fuq l-imputat irrizulta li l-imputat ma ghandux armi registrati fuq ismu. Ezebixxa dokument in sostenn ta' dan li gie mmarkat bhala Dok. "JM 1" (*a fol.* 88).

Illi, fis-seduta tas-7 ta' Mejju 2013, xehed ukoll **Saviour Farrugia** (rapprezentant ta' *Transport Malta* – *a fol.* 89) fejn qal li vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBC 197 issejjah lill-imputat u li din ilha fuqu mid-29 ta' Ottubru 2011 u li ghandu licenzja mhallsa sal-31 ta' Marzu 2013. Ezebixxa dokument li gie mmarkat bhala Dok. "SF 1" (*a fol.* 90 *et seq.*).

**Saviour Farrugia** rega' ha l-pedana tax-xhieda fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2013 (*a fol.* 102 *et seq.*) fejn qal li m'huwiex pozizzjoni jghid jekk fit-13 ta' April 2013 il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBC 197 kienitx koperta b'polza ta' assigurazzjoni ghax din il-vettura kellha licenzja valida sal-31 ta' Marzu 2013.

In kontro-ezami qal li biex licenzja ta' vettura tkun mhallsa, il-polza tal-assigurazzjoni taghha trid tkun ukoll bilfors imhallsa.

Illi, fis-seduta tas-26 ta' Gunju 2013, xehdet **Audrey Buttigieg** (*a fol.* 104 *et seq.*) fejn qalet li dakinhar tal-akkadut qamet u sabet il-vettura tal-imputat fid-*drive in* taghha b'konsegwenza ta' liema ma setghetx tohrog.

Illi, fis-seduta tat-18 ta' Settembru 2013, xehed **Emanuel Camilleri** (*a fol.* 145) fejn qal li huwa qed jixhed in rapprezentanza ta' L&R Garage u kkonferma l-istima mmarkata bhala Dok. "FT 7" (*a fol.* 56).

Illi, fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2013, xehdet **Dr. Marlene Attard** (*a fol.* 171 *et seq.*) fejn qalet li mill-ewwel *entry note* li tmur lura ghas-sena 1998 kien ikkonfermat li l-imputat kellu l-*Hepatitis C positive*. Tghid li din tista' tittiehed permezz tad-demm. Ma kkonfermatx jekk din tista' tehodha semplicement b'saliva.

In kontro-ezami, li sar fis-seduta tad-9 ta' April 2014 (*a fol.* 183 *et seq.*) tghid li l-imputat kien f'sensieh meta ddahhal l-iSptar fit-13 ta' April 2013. Tghid li hi ma xammitx riha ta' xorb fuqu. Ezebiet dokumenti li gew immarkati bhala Dok. "MA 1" (*a fol.* 187).

Illi, fis-seduta tad-9 ta' April 2014, xehed il-***Probation Officer*** **Ivan Sultana** (*a fol.* 214 *et seq.*) fejn ipprezenta s-*Social Inquiry Report* redatt minnu fil-konfront tal-imputat, liema rapport gie ezebiet u mmarkat bhala Dok. "IS 1" (*a fol.* 217 *et seq.*). Jghid: *"jiena lil Piju Grech digà kont insegwih fuq zewg ordnijiet ta' probation li kellu fl-elfejn u hamsa (2005). It-tnejn li huma kienu fl-istess sena fil-fatt. Li nista' nghid ovvjament l-attitudni tieghu fil-bidu kienet xi ftit wahda resistant minhabba l-fatt li fl-orders of probations li kellu fil-passat hu ma kienx qed jikkoopera ghax kellu problema tad-droga akuta; kien fil-vizzju taghha u ma kien hemm l-ebda tip ta' motivazzjonijiet. Ghaldaqstant kienet saret denunzja jigifieri hu ma jharisx lejn, ma kienx qed ihares lejn il-probation bhala aspett pozittiv li jista' jiehu minnha. Però wara numru ta' sessjonijiet li kelli mieghu, kemm Malta u kif ukoll tlajt jien jiena, hu beda bil-mod il-mod jitkellem aktar fuq l-affarijiet li ghadda minnhom u beda jiftah, u fil-fatt rajt progress jiena qawwi anke fil-konfront tieghu. Fil-fatt stajt il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport kien wiehed li kien komplet u wiehed sodisfacenti hafna, u nista' nghid li llum il-gurnata ikkoopera hafna, anke rigward ir-riabilitazzjoni tieghu u l-awareness ta' certu problemi li kellu u li ghad ghandu ghax dik hija xi haga importanti"* (*a fol.* 215). Ghad-domanda dwar x'effett jista' jkollha sentenza ta' prigunerija effettiva wiegbet li dan ma tistax tghidu. Jghid: *"li nista' nghid ghaliex nista' nikkompara anke maz-zmien li kont insegwih fl-elfejn u hamsa (2005). Illum il-gurnata huwa qed jikkoopera. Jidher li qed jassorbi wkoll minn dak li qed jaghmel. Ovvjament ghadna pjuttost fl-infanzja ta' fejn irridu naslu, jigifieri l-outcome ta' kollox qatt ma nistghu*

*nghidu però jidher li l-motivazzjoni fejn qabel ma kien hemm xejn, u kienet saret denunzja f'dak iz-zmien u kien wehel anke sentenza ta' habs fuq ordni ta' probation, illum tidher li hemm dik il-motivazzjoni u anke li hu jixtieq itejjeb il-hajja tieghu"* (*a fol.* 216).

Illi, fis-seduta tad-9 ta' April 2014, xehed ukoll **CO 116 Helenio Galea** (*a fol.* 235 *et seq.*) fejn ezebixxa erba' ritratti tal-imputat li ttiehdu fil-Facilità Korrettiva ta' Kordin. Dawn ir-ritratti gew immarkati bhala Dok. "HG 1" sa "HG 4" (*a fol.* 237 *et seq.*). Jghid li dawn ir-ritratti ttiehdu minnu personalment fil-15 ta' April 2013 ghall-habta ta' 4.40pm.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'numru ta' imputazzjonijiet li huwa allegatament wettaq dakinhar tat-13 ta' April 2013 meta nstab fil-vettura tieghu. Il-Qorti ser issa tghaddi biex taghmel il-konsiderazzjonijiet taghha fir-rigward tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat.

**L-Ewwel (1) Imputazzjoni**
**(Artikolu 325(1)(b)[1] tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)**:
Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li ghamel hsara volontarja fuq il-vettura tal-Pulizija. Il-Qorti semghet kif l-imputat beda jaghti bis-sieq gewwa l-bieba tal-vettura tal-Pulizija. Dan jghidu PC 555 Fabio Schembri (*a fol.* 62 *et seq.*), PC 354 Anthony Spiteri (*a fol.* 66 *et seq.*) u kif ukoll PS 559 Jason Spiteri (*a fol.* 83 *et seq.*). L-Ufficjal Prosekutur Tabone ezebixxa dokument in sostenn ta' din il-hsara kagunata fuq il-vettura in kwistjoni, liema hsara tammonta ghal €141.60, liema dokument jinsab immarkat bhala Dok. "FT 7" (*a fol.* 56). Dan id-dokument gie kkonfermat minn Emanuel Camilleri (*a fol.* 145) li xehed in rapprezentanza ta' L&R Garage.

Illi m'hemmx dubju ghalhekk li l-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha.

[1] Kif kien vigenti meta allegatament sehhet l-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat.

**<u>It-Tieni (2) u t-Tielet (3) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikoli 95(1), 96(a) u 97 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi, fit-tieni (2) u fit-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat, l-imputat jinsab akkuzat bir-reati konnessi mal-ingurji u vjolenza kontra ufficjali pubblici u precizament bir-reati kkontemplati fl-Artikoli 95 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi irid jigi puntwalizzat mill-bidu nett illi hemm distinzjoni netta bejn dawn iz-zewg reati ghalkemm it-tnejn ghandhom bhala vittma persuna fil-vesti ufficjali taghha.

Illi Artikolu 95 jitkellem dwar l-ingurja jew theddid fil-konfront tal-ufficjal pubbliku. Illi ghalhekk l-element materjali ta' dana r-reat huwa l-ingurja jew it-theddid. Dawn jistghu jiehdu kemm il-forma verbali kif ukoll miktuba, gesti jew tpingija li huma intenzjonati biex inaqqsu l-gieh u r-reputazzjoni tal-persuna lejn min huma diretti.

Illi l-vittma ta' dana r-reat jista' jkun biss l-ufficjal pubbliku u l-ingurja jew it-theddida trid issir jew (1) filwaqt illi jkun qed jaghmel servizz pubbliku (2) jew inkella minhabba li jkun ghamel dana s-servizz pubbliku (3) jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

Illi l-awturi jaghmlu distinzjoni bejn il-mottiv wara l-ingurja jew it-theddid fl-ewwel istanza u dana l-mottiv fit-tieni u t-tielet istanza msemmija fil-ligi. Dana billi meta l-oltragg isir fil-mument illi l-ufficjal pubbliku jkun qieghed jaghti s-servizz ma huwiex necessarju illi l-ingurja jew it-theddida tkun marbuta mal-funzjoni illi huwa jkun qieghed jezercita. L-awturi Cheveau et Helie, li jsemmi l-Professur Mamo fin-notamenti tieghu, ighidu:

> *"Quando l'oltraggio si verifica nel corso delle funzioni, il motivo che lo determina é indifferente; la legge vede soltanto il turbamento, l'ingiuria fatta all'esercizio delle funzioni, l'insulto che degrada la loro dignità; avesse pure quest'ingiuria una causa determinante estranea alle funzioni, il turbamento all'esercizio di esse sussisterebbe sempre."*

Kuntrarjament fiz-zewg istanzi l-ohra jrid ikun jigi ppruvat *nexus* bejn l-oltragg u l-qadi tal-funzjoni pubblika.

Illi finalment ir-reat irid necessarjament jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew ta' persuna nkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku.

Il-Professur Mamo fin-notamenti tieghu jghid:

> *"This offence arises even though the person charged with the public duty may not at the time of discharging such duty be wearing his uniform or badge etc of office, provided the offender was aware of his status as such person."*

Sahansitra f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Novembru 1917 f'kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Giuseppe Borg** jinghad:

> *"Nel reato di oltraggio ad ufficiale od impiegato pubblico, oltre il dolo specifico desunto dal fine dell'agente, é necessario ad integrare l'elemento morale od intenzionale del reato, la scienza della qualità ufficiale dell'oltraggiato, ma questa scienza può sussistere indipendentemente dalla questione se il pubblico ufficiale portasse on no la divisa della sua carica al tempo dell'oltraggio; di guisacché il reato può avverarsi anche se l'ufficiale non indossasse tale divisa a patto, ben inteso, che risulti della scienza nell'oltraggiante della qualità ufficiale dell'oltraggiato."*

L-Artikolu 96, imbaghad ghalkemm ukoll ghandu bhala vittma, l-ufficjal pubbliku, jikkontempla tlett elementi essenzjali ghal kostituzzjoni ta' dana r-reat:

1. Fl-ewwel lok, irid ikun hemm l-attakk jew resistenza. Illi jkun hemm biss disubbidjenza tal-ligi jew ta' ordni moghtija minn xi awtorita' ghalhekk mhux sufficjenti ghal kummissjoni ta' dana r-reat. Il-Mamo jkompli jghid: *"It is only when the insubordination or defiance goes so far as to obstruct the execution of the law or of lawful orders of the competent authority that the crime of attack or resistance can arise. The purpose of the agent in this crime, therefore, must be precisely*

*that of obstructing or frustrating the execution of the law or the lawful orders of the competent authority, by opposing the action of those charged therewith*". Fin-nuqqas ta' dana jista' jissussiti biss ir-reat ikkontemplat fl-Artikolu 95 biss. Inoltre l-attakk jew resistenza trid tkun necessarjament akkompjanta bl-uzu tal-forza, vjolenza jew bil-hebb. Ghalhekk insulti jew theddid qatt ma jistghu jwasslu ghal htija taht dina d-disposizzjoni tal-ligi.

2. Fit-tieni lok ir-reat irid jigi kommess fil-konfront ta' ufficjal pubbliku jew kif tghid testwalment il-ligi *"persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku"*. Illi l-Qorti taghmel riferenza ghal dak sottolinjat iktar 'il fuq u cioé illi huwa necessarju illi ghalkemm tali persuna mhux necessarjament ghandha tkun liebsa uniformi jew xi marka jew sinjal li turi l-kapacità li fiha qed tagixxi, madanakollu x-xjenza tal-persuna li qed tikkommetti dana r-reat illi l-vittma hija ufficjal pubbliku hija necessarja. Altrimenti l-*mens rea* ghal kummissjoni ta' dana r-reat ikun nieqes.

3. Fl-ahharnett huwa necessarju illi l-attakk jew resistenza kontra l-ufficjal pubbliku jrid isir filwaqt illi huwa jkun qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn awtorita' kompetenti. Il-Mamo jkompli jghid: "*Therefore, any violence committed after the law or the order has already been executed, even though it may be on account of such execution, would not give rise to this crime*."

Il-Qrati taghna f'diversi sentenzi spjegaw id-differenzi bejn dawn iz-zewg reati. F'sentenza **Il-Pulizija vs. Joseph Zahra** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 Settembru 2002 gie deciz:

> "Dana l-artikolu (b'riferenza ghall-Artikolu 96) jirrikjedi mhux biss li l-vittma tkun persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku" (l-istess bhalma jirrikjedi l-Artikolu 95(1)), izda wkoll li r-reat ikun sar filwaqt li dik il-persuna hekk inkarigata minn dak is-servizz pubbliku "tkun qed tagixxi ghall-ezekuzzjoni tal-ligi jew ta' xi ordni moghti skond il-ligi minn xi awtorita` kompetenti". Din l-espressjoni hi differenti minn dik uzata fl-Artikolu 95(1) – "waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun ghamel dan is-

servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz".

Illi mix-xiehda tat-tlitt ufficjali tal-Pulizija li kienu involuti direttament f'dawn il-proceduri, cioé PS 559 Jason Spiteri, PC 555 Fabio Schembri u PC 354 Anthony Spiteri, li kienu konformi fid-depozizzjonijiet taghhom ghajr ghal xi dettalji zghar, jirrizultaw is-segwenti: il-kliem li kien qed jghid l-imputat fil-konfront tal-Pulizija msemmija, il-fatt li ghamel rezistenza u anke hedded lill-Pulizija msemmija, fejn, f'hin minnhom, qabad gebla u beda jaghmel mossi li kien ser jitfghalhom tali gebla. Apparti dan, jirrizulta li l-imputat hataf mus u prova jolqot lil wiehed mill-ufficjali tal-Pulizija. Dan il-mus gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "FT 9" (*a fol.* 58). Jirrizulta wkoll mill-atti li l-imputat beda jobzoq lill-Ufficjali tal-Pulizija u beda jghidilhom li kien qed jaghmel hekk sabiex jittiehdu mill-marda li rrizulta li ghandu.

Illi, tenut kont ta' dan kollu, jirrizulta li z-zewg imputazzjonijiet msemmija hawn fuq gew sodisfacentement pruvati u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghhom wkoll.

**<u>Ir-Raba' (4) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi l-Qorti semghet kif, f'hin minnhom, l-imputat hataf mus u prova jolqot bih lill-Ufficjal tal-Pulizija. Dan il-mus gie ezebit u mmarkat bhala Dok. "FT 9" (*a fol.* 58). Jirrizulta mid-depozizzjoni moghtija minn PS 369 Joseph Mizzi (*a fol.* 87 *et seq.*) li l-imputat ma ghandux armi registrati fuq ismu. M'hemmx dubju li anke r-raba' (4) imputazzjoni giet pruvata wkoll.

**<u>Il-Hames (5), is-Sitt (6), is-Sebgha (7), it-Tmien (8), id-Disa' (9), u l-Ghaxar (10) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikoli 338(g), 338(bb), 338(ee), 338(ff), 339(1)(a), 339(1)(b), u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi fl-imputazzjonijiet imsemmija hawn fuq l-imputat jinsab akkuzat b'numru ta' kontravenzjonijiet. Minghajr tlaqlieq ta' xejn, il-Qorti tinnota li mid-depozizzjonijiet moghtija minn PS 559 Jason Spiteri, PC 555 Fabio Schembri u PC 354 Anthony Spiteri jirrizulta li l-imputat hareg gebla ghall-ufficjali msemmija u beda jistedinhom

ghall-glied u kif ukoll qabad mus kif aktar il-fuq imsemmi. Jirrizulta wkoll li l-imputat qal kliem oxxen, inkluz dagha, kif ukoll ma obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija mill-ufficjali tal-Pulizija. Dan kollu jfisser li l-hames (5), is-sitt (6), it-tmien (8) u d-disa' (9) imputazzjonijiet gew pruvati u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghhom.

Illi, fir-rigward tas-seba' (7) imputazzjoni, il-Qorti tinnota li minkejja li dakinhar tal-akkadut jirrizulta li l-imputat ma kienx f'sikktu, pero ma jirrizultax jekk dan kienx kagun tal-fatt li l-imputat kien fis-sakra. *Di fatti*, filwaqt li PC 555 Fabio Schembri jghid li xamm riha ta' xorb u jghid li ma jafx jekk l-imputat kienx xurban jew le, PC 354 Anthony Spiteri u PS 559 Jason Spiteri qalu li ma xammewx riha ta' alkohol. Apparti minn dan, minn imkien ma jirrizulta li l-imputat naqas li jaghti d-dettalji tieghu lill-Pulizija. Dan ifisser li s-seba' (7) u l-ghaxar (10) imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat ma gewx pruvati u b'hekk l-imputat ser jigi liberat minnhom.

**<u>Il-Hdax (11) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li saq vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBC 197 minghajr ma kienet koperta b'licenzja biex tinstaq fit-triq. Il-Qorti tinnota li mid-depozizzjoni moghtija mir-rapprezentant ta' Transport Malta, cioé Saviour Farrugia (*a fol.* 89), irrizulta li l-vettura msemmija ssejjah lill-imputat u li huwa kellu l-licenzja mhallsa sal-31 ta' Marzu 2013. Dan jirrizulta minn Dok. "SF 1" (*a fol.* 90 *et seq.*). M'hemmx dubju ghalhekk li din l-imputazzjoni giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jinstab hati taghha wkoll.

**<u>It-Tnax (12) Imputazzjoni</u>**
**<u>(Artikolu 15A tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta)</u>**:
Illi, tenut kont ta' dak li nghad hawn fuq fir-rigward tas-seba' (7) imputazzjoni, taht liema l-imputat gie akkuzat li kien fis-sakra, il-Qorti ma jirrizultalha minn imkien li l-imputat ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi. Ghalhekk, l-imputat ser jigi liberat minn din l-imputazzjoni.

**It-Tlettax (13) Imputazzjoni**
**(Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta)**:
Illi jirrizulta mill-atti processwali li biex licenzja ta' vettura tkun imhallsa, il-polza tal-assigurazzjoni taghha trid tkun bilfors imhallsa wkoll. Jirrizulta wkoll li l-licenzja tal-vettura in kwistjoni ma kienitx imhallsa tant li l-imputat ser jinstab hati tal-hdax (11) imputazzjoni. Ma jirrizulta minn imkien li l-imputat kellu l-vettura in kwistjoni koperta b'polza ta' assigurazzjoni. Ghaldaqstant, l-imputat ser jigi misjub hati ta' imputazzjoni mmarkata bin-numru tlettax (13).

**l-Erbatax (14) Imputazzjoni**
**(Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)**:
Illi taht din l-imputazzjoni l-imputat qed jigi akkuzat li huwa recidiv. Il-Prosekuzzjoni ezebiet vera kopja ta' zewg sentenzi: wahda moghtija fil-31 ta' Ottubru 2008 (Dok. "FT 6" – *a fol.* 42 *et seq.*) u ohra moghtija fit-28 ta' Mejju 2009 (Dok. "FT 5" – *a fol.* 35 *et seq.*). Ghandu jinghad li l-konnotati tal-persuna kontra min inghataw dawn is-sentenzi huma identici ghal dawk tal-imputat fil-kawza odjerna li jfisser li m'hemmx dubju li dawn is-sentenzi gew moghtija fil-konfront tal-imputat fil-kawza odjerna. Tenut kont ta' dan, il-Qorti ma jibqaghlha l-ebda dubju li din l-imputazzjoni giet pruvata u b'hekk l-imputat ser jitqies li huwa recidiv.

**Il-Hmistax (15) Imputazzjoni**
**(Artikolu 244A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)**:
Illi l-Qorti tinnota li din l-imputazzjoni ma tirrizultax fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tal-Avukat Generali. Ghaldaqstant, il-Qorti mhijiex ser taghmel l-ebda konsiderazzjoni dwarha u ser tasjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat li gew sodisfacentement pruvati huma s-segwenti: l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba' (4), il-hames (5), is-sitt (6), it-tmien (8), id-disa' (9), il-hdax (11), it-tlettax (13) u l-erbatax (14). L-imputat ser jinstab hati ta' dawn l-imputazzjonijiet.

Illi, fir-rigward tal-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputat u li gew pruvati, il-fedina penali (Dok. "FT 1" – *a fol.* 7 *et seq.*), dak li jirrizulta mid-depozizzjoni moghtija mill-*Probation Officer* Ivan Sultana (*a fol.* 214 *et seq.*) u dak li jirrizulta mir-rapport redatt minnu (Dok. "IS 1" – *a fol.* 217 *et seq.*), u kif ukoll dak li gie sottomess mill-Prosekuzzjoni u mid-difiza fis-sottomissjonijiet finali taghhom (*a fol.* 270 *et seq.*)[2]. Tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti mhijiex tal-fehma li fic-cirkostanzi ghandha timponi piena ta' prigunerija effettiva jew wiehed ta' prigunerija sospiza fil-konfront tal-imputat izda hija tal-fehma li, fir-rigward tal-imputazzjonijiet kollha li gew pruvati ghajr ghar-raba' (4) u ghat-tlettax (13) imputazzjoni ghandu jigi applikat l-Artikolu 7 tal-Kaputolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex l-imputat jinghata **L-AHHAR CANS** li permezz tieghu jaghraf li dak li ghamel huwa hazin u jaghraf ma jergghax jirrepetih altrimenti jkun hemm konsegwenzi hafna serji. L-imputat ser jinghata ordni biex ihallas ghall-hsarat fil-vettura tal-Pulizija. Fir-rigward tar-raba' (4) u tat-tlettax (13) imputazzjoni, tenut kont ta' dak li jiddisponu Artikolu 61 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta u Artikolu 3(2B) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti ser tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' multa komplessiva fir-rigward ta' dawn iz-zewg imputazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hmistax (15) imputazzjoni, ma ssibx lill-imputat hati tas-seba' (7), tal-ghaxar (10) u tat-tnax (12) imputazzjoni u b'hekk tilliberah mill-imsemmija imputazzjonijiet, u wara li rat in-Nota ta' Rinviju ghal Gudizzju tal-Avukat Generali datata 11 ta' Dicembru 2013 (*a fol.* 177 *et seq.*) u senjatament Artikoli 49, 50, 95(1), 96(a), 97, 325(1)(b), 338(bb), 338(ee), 339(1)(a), 339(1)(b) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, u Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat Piju Grech hati tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tar-

[2] Fis-sottomissjonijiet finali tieghu l-Ufficjal Prosekutur Tabone nforma lill-Qorti li, f'kaz li l-Qorti ssib htija fl-imputat ghall-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tieghu, il-Prosekuzzjoni ma kellhiex problema li l-Qorti tapplika Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

raba' (4), tal-hames (5), tas-sitt (6), tat-tmien (8), tad-disa' (9), tal-hdax (11), tat-tlettax (13) u tal-erbatax (14) imputazzjoni u filwaqt li:

- fir-rigward tar-raba' (4) u tat-tlettax (13) imputazzjoni tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' multa komplessiva ta' elfejn u seba' mitt Euro (€2700.00),

- fir-rigward tal-ewwel (1), tat-tieni (2), tat-tielet (3), tal-hames (5), tas-sitt (6), tat-tmien (8), tad-disa' (9), tal-hdax (11), u tal-erbatax (14) imputazzjoni billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed lill-imputat Piju Grech taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tlitt (3) snin mil-lum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghti llum stess u anness ma' din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat Piju Grech bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' *probation* u tal-kondizzjonijiet <u>kollha</u> elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation,* jistgha jinghata sentenza ghar-reati li taghhom instab hati b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* moghti b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat Piju Grech.

Il-Qorti tordna wkoll is-sospensjoni tal-licenzji kollha tas-sewqan tal-imputat ghal zmien tnax (12) il-xahar li jibdew jiddekorru min nofs il-lejl u minuta ta' ghada filghodu.

Il-Qorti tordna wkoll il-konfiska tal-mus ezebiet f'dawn il-proceduri[3].

Finalment, il-Qorti wara li rat Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, torbot lill-hati b'garanzija personali ta' elf Euro (€1000.00) ghal zmien sena millum fil-konfront ta' PS 559 Jason Spiteri, PC 555 Fabio Schembri, u PC 354 Anthony Spiteri.

___________________________

**Dr. Neville Camilleri**
**Magistrat**

[3] Dok. "FT 9" – *a fol.* 58.